# X’KIEN L-ISKOP TAL-MIRAKLI?

Minn
George Ebejer

## X'KIEN L-ISKOP TAL-MIRAKLI?

Fost ħafna knejjes tal-Kristjaneżmu, it-talba hija magħmula li qawwiet mirakolużi—bħall-fejqan tal-morda, ftuħ ta' l-għajnejn ta' l-għomja, jitkellmu bl-ilsna, u manifestazzjonijiet oħra ta' l-Ispirtu s-Santu—li dawn ikomplu man-nies ta' Alla llum. Kull denominazzjoni tinsisti li hija tirċievi din il-qawwa jew setgħa direttament mingħand Alla u tibbaża t-talbiet tagħha għall-ġenwinità fuq eżempji u każi ta' mirakli li, jintqal, għandhom isiru u jservu biex jikkonfermaw l-affermazzjoni tagħhom. Iżda kull grupp reliġjuż jippriedka dottrina differenti li hija f'konflitt ma' dik mgħallma minn grupp ieħor li jagħmel l-istess talba ħalli jwettaq il-mirakli. Huma qegħdin f'oppożizzjoni qawwija u f'nuqqas qawwi ta' ftehim lejn xulxin, u, madankollu, kull wieħed minnhom jistqarr li jagħmel il-mirakli bis-setgħa ta' Alla, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u li wirjiet bħal dawn huma prova biżżejjed tal-karattru veru u divin tagħhom. Ċertament, jista' jidher li Alla ma jikkonfermax permezz ta' sinjali l-predikar ta' grupp wieħed, waqt, li fl-istess ħin, Hu qiegħed jikkonferma permezz ta' l-istess mirakli d-dottrini opposti u kontradittorji pproklamati minn grupp ieħor! Dan jagħmel lil Alla inkonsistenti u l-awtur ta' konfużjoni, u aħna nafu li Alla mhuwiex Alla tal-konfużjoni:

"*Għax Alla mhux l-Awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem…*" (1 Korintin 14:33).

## MIN KELLU S-SETGĦA BIEX JAGĦMEL IL-MIRAKLI

**1. Ġesù.** Matul il-ministeru tal-Mulej fuq l-art, Hu wettaq ħafna mirakli.

> "*Dan il-bniedem qiegħed jagħmel ħafna mirakli*" (Ġwanni 11:47).

> "*Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost il-mirakli tiegħu*" (Ġw-anni 2:11).

Ġesù fetaħ l-għajnejn ta' l-għomja (Mattew 7:32-35), ikkawża lir-raġel magħtub li jqum u jimxi u qajjem il-mejtin (Mattew 11:5; Ġwanni 11:43-44). Waqt li Ġesù kellu kumpassjoni fuq nies li kienu morda u sfortunati, ir-raġuni primarja Tiegħu għat-twettieq ta' dawn il-mirakli kienet biex jagħti prova li Hu kien tasew 'il Kristu, l-Iben ta' Alla.

> "*U ħafna mirakli oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li m'humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30-31).

Minn dan aħna naraw li **Ġesù** kellu s-setgħa li jagħmel il-mirakli.

**2. L-Appostli.** Il-Mulej wiegħed lil l-appostli Tiegħu s-setgħa li jagħmlu l-mirakli, fejn qalilhom:

> "*Intom u sejrin, xandru u għidu li s-Saltna tas-smewwiet waslet. Fejqu l-*

> *morda, qajmu l-mejtin, fejqu l-imġidd-min, keċċu x-xjaten…*" (Mattew 10:7-8).

Ġesù assigurahom dwar setgħa addizzjonali billi qalil-hom:

> "*U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu*" (Luqa 24:49).

> "*Meta kien għadu magħhom, ordnal-hom biex ma jitilqux minn Ġerusalem, imma joqgħodu jistennew sa ma seħħ il-wegħda tal-Missier, 'li fuqha,' qalil-hom, 'smajtu x'kont għedtilkom… Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xieh-da tiegħi f'Ġerusalem, fil-Lhudija koll-ha u s-Samarija u sa truf l-art*" (Atti 1: 4-8).

Fl-ewwel Pentekoste, wara l-qawmien ta' Kristu mill-mewt, l-Ispirtu s-Santu ġie fuq l-appostli u tahom din il-qawwa biex jagħmlu l-mirakli u jitkellmu b'lin-gwi li huma qatt ma kienu tgħallmu (Atti 2:1-11). Kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jaqra b'xi osser-vazzjonijiet il-Ktieb ta' l-Atti biex jitgħallem li dawn l-irġiel magħżula minn Ġesù, ħalli jkunu xhieda Tie-għu, ir-rappreżentanti personali Tiegħu, irċevew qaw-wa biex jagħmlu ħafna mirakli differenti. L-appostlu Pawlu qal lill-Korintin,

*"Is-sinjali ta' l-appostlu jien għamilt-hom f'nofskom"* (2 Korintin 12:12).

F'Atti 5:12 naqraw dwar x'kien qiegħed isir mill-appostli,

*"Bis-saħħa ta' l-appostli kienu jsiru ħafna sinjali u mirakli fost il-poplu."*

Mela minn dan naraw li **l-appostli** kellhom il-qaw-wa u s-setgħa mogħtija lilhom mill-Ispirtu s-Santu biex jagħmlu l-mirakli.

**3. Dawk li l-Appostli Qiegħdu Jdejhom Fuq-hom.** Ċerti wħud fil-knisja ta' l-ewwel seklu rċevew id-doni mirakolużi permezz *"tat-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli."* Sebat irġiel qaddisa, ta' isem tajjeb u li huma mimlija bl-Ispirtu s-Santu u bl-għerf kienu ma-għżula mill-knisja u appuntati mill-appostli biex jagħ-mlu xogħol speċjali fil-knisja f'Ġerusalem, jiġifieri, biex iqassmu ikel u lbies lil xi nisa romol li kienu ġew abbandunati. Dawn l-irġiel ġew *"imressqa quddiem l-appostli, li talbu u qiegħdu idejhom fuqhom"* (Atti 6: 1-6). Wieħed minn dawn l-irġiel, Filippu, aktar wara wettaq mirakli hekk kif huwa ppriedka l-Evanġelju fil-belt tas-Samarija, fejn naqraw f'Atti 8:1-6,

*"Il-folol tan-nies b'fehma waħda, kienu joqogħdu attenti għal dak li kien jgħid-ilhom Filippu, meta kienu jisimgħuh u jaraw il-mirakli li kien jagħmel."*

Iżda Filippu, ma kellux is-setgħa li jgħaddi dawn id-doni mirakolużi lil ħaddieħor. Hawn, f'Atti 8, għandna eżempju ċar ta' dan fejn Filippu kien qiegħed jagħmel ħafna mirakli fejn naqraw li:

> "*Kien hemm nies maħkuma mill-ispirti ħżie-na, u dawn b'agħjat kbir kienu joħorġu minn ħafna minnhom; u ħafna nies oħrajn, mifluġa jew zopop, kienu jitfejqu*" (Atti 8:8).

Għalkemm Filippu kellu din il-qawwa kollha, hu **ma kellux** is-setgħa li **jgħaddiha** lil ħaddieħor. *Din kienet tappartjeni esklussivament lil l-appostli weħidhom.* Ma kienx sakemm Pietru u Ġwanni, *appostli* tal-Mulej Ġesù Kristu, ġew fis-Samarija li xi ħadd mill-Kristjani li kienu hemm irċievu d-doni mirakoluiżi, jew il-qawwa biex jagħmlu l-mirakli. Naqraw, f'Atti 8:17-18,

> "*Imbagħad **l-appostli** qiegħdu jdejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu. Meta Xmun ra **li bit-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli** kienu jirċievu l-Ispirtu s-Santu, huwa offra l-flus lil l-appostli…*" (enfassi tiegħi).

F'ħafna postijiet fit-Testment il-Ġdid, aħna mfakkra li t-trasmissjoni ta' din il-qawwa mirakoluża lil oħrajn kienet **tappartjeni biss lil l-appostli**.

Meta l-appostlu Pawlu kien f'Efesu, hu sab lil xi wħud li kienu tgħammdu bil-magħmudija ta' Ġwanni. Hu għallimhom il-verità dwar Ġesù Kristu u l-Ispirtu s-Santu, u huma kienu immedjatament mgħammda fi Kristu (Atti 19:1-5). Aħna naqraw,

> "*Imbagħad, kif **Pawlu qegħdilhom idejh fuqhom**, niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna u jħabbru*" (Atti 19:6).

Lill-knisja f'Ruma, l-appostlu Pawlu kiteb dan il-kliem,

> "*Għax nixtieq ħafna li narakom, biex nagħtikom xi don spiritwali, biex tkunu mwettqin*" (Rumani 1:11).

Naqraw fit-Tieni Timotju 1:6,

> "*Minħabba f'hekk infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab* ***fik bit-tqegħid ta' idejja****.*"

Mhux il-Kristjani kollha fil-knisja tal-bidu rċevew id-doni mirakolużi ta' l-Ispirtu s-Santu. L-appostlu Pawlu iddiskuta sewwasew din il-lezzjoni mal-knisja ta' Korintu, fejn naqraw,

> "*Jaqaw ilkoll appostli? Ilkoll profeti? Ilkoll għalliema? Ilkoll bid-don tal-mirakli? Ilkoll għandhom id-don tal-fejqan? Ilkoll jitkellmu bl-ilsna? Ilkoll ifissru?*" (1 Korintin 12:29-30).

## L-ISKOP TA' DAWN IL-MIRAKLI

### 1. Il-mirakli servew l-iskop li jirrivelaw il-verità.

> "*Imma d-Difesnur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għed-tilkom*" (Ġwanni 14:26).

Ġesù kien qiegħed ilesti biex imur lura għand il-Missier, imma Hu rrealizza li l-appostli jkunu jeħtieġu

xi għajnuna f'li jiftakru u jgħallmu l-Evanġelju sat-truf ta' l-art. Għalhekk, Hu wegħdhom qies mirakoluż tal-qawwa u influwenza ta' l-Ispirtu s-Santu. Ġesù assigurahom li huma jkunu mgħallma l-ħwejjeġ kollha mill-Ispirtu s-Santu; u Hu jgħinhom biex jiftakru dak kollu li Hu għallimhom waqt li kien magħhom. Min-għajr għajnuna mirakoluża, huma ma jkunux jistgħu jagħmlu dan. Ġesù tahom assigurazzjoni sħiħa li huma jkunu mogħtija għajnuna divina f'dak li jgħidu. Ġesù qalilhom,

> "*...Toqogħdux tħabblu raskom kif jew biex sejrin twieġbu jew x'sejrin tgħidu, għax l-Ispirtu s-Santu jgħidilkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu*" (Luqa 11:11-12).

F'diskussjoni oħra magħhom dwar l-għajnuna li huma jirċievu mill-Ispirtu s-Santu wara li Hu jkun mar lura fis-Smewwiet, Ġesù qal,

> "*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwas-salkom għall-verità kollha...*" (Ġwanni 16:13).

Minn dawn il-versi, hu muri lilna li l-Ispirtu s-Santu:

1. Igħallem lil l-appostli l-ħwejjeġ kollha.
2. Ifakkarhom dak kollu li Ġesù qalilhom.
3. Iwassalhom għall-verità kollha.

L-appostlu Pawlu aktar tard kellem lill-knisja ta' Korintu dwar dan l-istess suġġett b'dan il-kliem:

> "*Imma aħna ngħallmu l-għerf ta' Alla moħbi f'misteru, li Alla fassal qabel iż-*

> *żmien għall-glorja tagħna*" (1 Korintin 2:7).

F'vers għaxra, huwa jkompli bil-ħsieb:

> "*Alla irrivelahulna permezz ta' l-Ispirtu; għax l-Ispirtu jgħarbel kollox, sa fil-qiegħ ta' Alla.*"

Dan huwa dak li Ġesù wiegħed li jagħmel. L-Evanġelju kien ir-rivelat lil l-appostli permezz ta' l-Ispirtu s-Santu u huma ippridkaw dak kollu li Ġesù ikkmanda. Huma dan għallmuh mingħajr l-ebda żball. Lill-Kristjani ta' Efesu, l-appostlu qal li l-għana bla tarf ta' Kristu hija:

> "*...**issa** irrivelata lil l-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti fl-Ispirtu; jiġifieri, li l-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess wegħda...*" (Efesin 3:5-6).

L-appostli min-naħa l-oħra, ippriedkaw il-kelma li huma kienu rċevew mill-Mulej. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Aħna nizżu ħajr bla heda lil Alla talli l-kelma t'Alla, li intom smajtu minn għandna, ilqajtuha mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi...*" (1 Tessalonikin 2:13).

Innota silta waħda oħra fejn tgħid li l-Ispirtu s-Santu rrivela l-verità lil l-appostli,

> "*Lilhom kien imgħarraf li mhux għalihom infushom, imma għalikom kien*

> *jiswa dak li huma kienu jħabbru, u li issa kien imxandar lilkom min dawk li, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu mibgħut mis-sema, qegħdin jagħtukom l-Evanġelju*" (1 Pietru 1:12).

**2. Il-Mirakli Servew Biex Jikkonfermaw u Jivverifikaw il-Verità.**

Meta Ġesù bagħat lil l-appostli jippridkaw il-Kummissjoni l-Kbira, jintqal,

> "*Huma mbagħad marru jippridkaw kullimkien; il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha*" (Mark 16:20).

Wieħed għandu jifhem sewwa lit-Testment il-Ġdid kien għadu ma ġiex miktub f'dan il-waqt, u għalhekk il-mirakli kienu jsiru biex jistabbilixxu u jsaħħu l-messaġġ ta' l-Evanġelju li huma ppridkaw. Il-mirakli servew biex ikunu ta' appoġġ bix-xhieda ta' l-awtorità divina li biha huma xandru lil Kristu. Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud qal li s-salvazzjoni kbira:

> "*li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, U mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh. Ma' tagħhom Alla żied ix-xhieda tiegħu (saħħaħ ix-xhieda tagħhom) b'sinjali u għeġubijiet u ħafna egħmejjel setgħana, kif ukoll biddoni ta' l-Ispirtu s-Santu mqassmin skond ir-rieda tiegħu*" (Lhud 2:3-4).

Dawn kienu provi sopranaturali li permezz tagħhom

il-verità kienet stabbilità—murija li hija ġenwina u awtentika. Il-verità ispirata kienet miktuba, imniżżla fl-istorja, minn dawk l-irġiel ippreparati permezz tal-providenza ta' Alla li l-Mulej għażel.

Issa, aħna lkoll għandna aċċess għall-verità li kienet irrivelata u ikkonfermata. L-appostlu Ġwanni jgħidil-na,

> "*Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikoll-kom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30-31).

L-appostlu Pawlu jgħidilna wkoll, li,

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċ-anfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun per-fett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16-17).

La darba l-verità kienet irrivelata u stabbilta permezz ta' qawwa mirakoluża, ma hemm l-ebda bżonn għall-eżerċizzju jew għall-użu ta' dik il-qawwa. Ġesù qal li l-verità **kollha** tkun ir-rivelata lil l-appostli mill-Ispirtu s-Santu. Aktar rivelazzjoni tal-verità hija im-possibbli. Il-verità li l-appostli ppriedkaw kienet ivve-rifikata għal kollox, u l-ebda bniedem ma jista' jwet-taqha. Din tista' tiġi ppridkata, imma kienet imwettqa fl-ewwel seklu!

## KIENU L-MIRAKLI BIEX IKOMPLU?

Wieħed għandu jisma' għal dak li l-appostlu Pawlu jgħid waqt li jiddiskuti dan is-suġġett mal-Korintin, huwa jgħid hekk:

> "*L-imħabba ma tintemm qatt. Igħibu l-profeziji, jistku l-ilsna, igħib il-għerf. Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; imma meta jfeġġ dak li hu sħiħ, (perfett) igħib dak li hu nieqes*" (1 Korintin 13:8-10).

Ir-rieda ta' Alla kienet irrivelata mill-Ispirtu s-Santu parti biss f'ċertu żmien, "ftit ftit." Rivelazzjoni sħiħa u kompluta ma kinetx magħmula magħrufa lil l-appostli f'daqqa waħda. Qawwa mirakoluża, profeziji bħal dawn, lingwi barranin, u għerf sopranaturali, kienu xi wħud mill-mezzi li bihom l-Evanġelju kien irrivelat u ikkonfermat. Imma meta s-sistema ta' l-Evanġelju kienet irrivelata għal kollox, il-mirakli **servew** l-iskop tagħhom u ġew fit-tmiem.

Iżda jintqal li "s-sħiħ," il-*perfett* li għalih l-appostlu Pawlu jirreferi ma jfissirx ir-rieda ta' Alla, imma l-miġja ta' Ġesù Kristu, li huwa "l-Wieħed Perfett." Iżda dan mhuwiex il-każ. Hawn wieħed għandu jkun attent ħafna dwar dan għaliex ħafna għalliema foloz jgħallmu dan it-tagħlim falz biex ikun jaqbel mat-tagħlim u t-teoriji foloz tagħhom dwar it-Tieni Miġja ta' Kristu! Meta l-appostlu Pawlu qal, "meta jfeġġ dak li hu sħiħ (*perfett*), *to teleion*," huwa uża l-ġens newtru. Il-klema *Hu* hija maskili. Waqt li kien qiegħed jitkellem dwar ir-rieda ta' Alla, f'Lhud 10:9-10, il-kittieb

ispirat japplika l-ġens newtru.

> *"Hu neħħa ta' l-ewwel biex iqiegħed tat-tieni. Bis-saħħa ta' din ir-rieda—(to thelema), aħna konna mqaddsin…"*

Il-kelma "sħiħ", perfett, (*to teleion*) *tfisser "miġjub għat-tmiem, komplut għal kollox, imwettaq għal kollox, żviluppat għal kollox; komplut, kollu kemm hu, kif hu kontra għal li hu nieqes u illimitat*, 1 Korintin 13:10" (**Analytical Greek Lexicon;** ara wkoll W.E. Vine, *An Expository Dictionary of New Testament Words*, pp. 173-4). Għalhekk, meta r-rivelazzjoni ta' Alla lill-bniedem kienet kompluta, "żviluppata għal kollox, kollha kemm hi" ma kienx hemm aktar il-bżonn għall-mirakli. Il-mirakli *servew* l-iskop tagħhom u waslu fit-tmiem, "spiċċaw," "għebu." Issa, il-lum, aħna għandna,

> "*Il-liġi* ***perfetta*** *tal-ħelsien*" (Ġakbu 1:25).

Il-kelma Griega li minnha ġejja l-klema tagħna "perfett" tfisser "kbir għal kollox" jew "matur." Din għandha riferenza għal għan li hu milħuq. L-appostlu Pawlu jikkunsidra l-jiem tad-doni spiritwali bħala l-proċess li permezz tiegħu l-għan tal-maturità kien qiegħed jintlaħaq; huwa ddikjara li meta l-istat tal-maturità jkun milħuq "**dak li hu nieqes igħib**" (1 Korintin 13:10). Meta dak il-għan kien milħuq, meta l-maturità kienet miksuba, u meta l-ġisem tal-verità kien irrivelat għal kollox, imbagħad dak li kien nieqes għib, spiċċa, waqaf. Ma kienx hemm aktar il-bżonn għad-doni spiritwali. Id-diskussjoni ta' Pawlu dwar id-doni spirit-

wali f'Efesin 4:11-15 hija waħda li tixbaħ lil din is-silta. F'dik is-silta hu jħares 'il quddiem għall-jum li lkoll naslu biex **insiru ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien ta' l-Iben ta' Alla** u għaż-żmien ta' bniedem perfett għat-twaqqif tat-tfulija. Fis-silta li aħna qegħdin nikkunsidraw, l-appostlu Pawlu jirreferi għal meta kien tarbija u meta kien raġel, fejn jgħid,

> "*Meta kont tarbija, kont nitkellem bħal tarbija, nifhem bħal tarbija, naħseb dak li kien ta' tarbija; iżda meta sirt raġel, neħħejt dak li kien ta' tarbija*" (1 Korintin 13:11)

Id-doni spiritwali kienu jappartjenu għall-istadju tat-tfulija tal-knisja; dawn ikunu mneħħija meta ż-żmien tal-perfezzjoni, tal-maturità, jkun ġie. Il-liġi perfetta imbagħad tkun irrivelata, il-fidi imbagħad tkun mogħtija, u l-knisja jkollha din l-għamla sħiħa ta' verità li tkun iggwidata bih. Dawk li jistqarru l-preżenza ta' doni mirakolużi bħal dawn illum kif kellhom dawk tal-knisja tal-bidu għandhom jinnutaw li l-appostlu Pawlu jikkunsidra l-preżenza ta' doni bħal dawn bħala *xhieda ta' immaturità*. F'vers 12 il-kliem "issa" u "imbagħad" jinsabu darbtejn; jidher aktar li żżomm mal-kuntest biex tikkunsidra l-"issa" bħala li tirreferi għaż-żmien meta Pawlu kien qiegħed jikteb u l-"imbagħad" bħala li tirriferixxi għaż-żmien *meta r-rivelazzjoni perfetta tkun kompluta, sħiħa*. Il-versi ta' wara juru wkoll din id-differenza, jiġifieri, bejn dak li għadu mhux komplut u dak li hu sħiħ, perfett.

Meta Ġesù "*tela' fil-għoli, jassar l-ilsiera, ta don*

*lill-bnedmin*" (Efesin 4:8) Dawn id-doni mirakolużi, mogħtija għal l-iskop ta' rivelazzjoni u konferma tar-rieda ta' Alla, kienu mqassmin lil l-appostli, lill-profeti, lil l-evanġelisti, lil l-isqfijiet, u lill-għalliema. Ir-raġuni għall-għotja tagħhom kienet biex,

> "*hekk jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu: sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi…*" (Efesin 4:11-13).

"Il-fidi" hija s-sistema kollha ta' l-Evanġelju. Ġuda jitkellem dwarha bħala "*l-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin*" (Ġuda 3). Dawn id-doni mirakolużi kellhom jibqgħu **sakemm il-fidi** kienet kompluta, sakemm din kienet ħaġa waħda. La darba din kienet magħmula sħiħa, perfetta, lesta, imwettqa, kompluta, u żviluppata għal kollox, il-mirakli, li kienu responsabbli għar-rivelazzjoni u l-konfermazzjoni tagħha, għaddew, waqfu. Dik ir-rivelazzjoni kienet kompluta fis-sena 96 W.K., meta l-appostlu Ġwanni spiċċa l-aħħar ittra tiegħu. Minn dak il-jum, ma kien hemm l-ebda bżonn għall-mirakli! Aħna għandna l-Kelma ta' Alla, il-verità kollha li fiha l-appostli kienu iggwidati mill-Ispirtu s-Santu, u din qiegħdha biex tiggvernana f'dak kollu li aħna nemmnu u nipprattikaw. Dwar dan nidħlu fid-dettall aktar 'il quddiem.

## EBDA VERITÀ ĠDIDA

Wieħed m'għandux jibdel, jaqleb jew iħassar permezz ta' korruzzjoni ta' l-Evanġelju minn kif dan kien ippridkat mill-appostli. L-appostlu Pawlu jwissi.

*"Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn Evanġelju ieħor; mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu. Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom Evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: jekk xi ħadd iħabbrilkom ħaġa oħra għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!"* (Galatin 1:6-9).

L-appostlu Ġwanni wkoll għandu twissija serja ħafna għalina,

*"Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu"* (2 Ġwanni 9-11).

Aħna mwissija li jekk nitkellmu, għandna ngħidu l-kliem ta' Alla fejn naqraw fl-1 Pietru 4:11,

*"Jekk xi ħadd għandu d-don tal-kelma, jippriedka l-kliem ta' Alla…"*

Ġesù Kristu tana,

> "*Dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba*" (2 Pietru 1:3).

L-Iskrittura Mqaddsa tista' "*trawwimna għal kull ħidma tajba.*" Il-Kelma ta' Alla tgħidilna, permezz ta' l-appostlu ispirat:

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċ-anfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16-17).

Mhux biss huwa perikoluż imma ta' kundanna li żżid ma' jew li tnaqqas mill-Kelma ta' Alla. L-appostlu Ġwanni jwissi,

> "*Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb: jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jixħet il-kastigi msemmijin f'dan il-ktieb; u jekk xi ħadd ineħħi xi kliem milli hawn fil-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-ħajja ta' dejjem u mill-belt qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb*" (Rivelazzjoni 22:18-19).

Ma kien hemm l-ebda rivelazzjoni ġdida matul dawn l-aħħar elfejn sena mindu t-Testment il-Ġdid ingħalaq. Ma hemmx ħaġa bħal rivelazzjoni addizzjonali, jew rivelazzjoni progressjonali. L-Ispirtu s-Santu

iggwida lil l-**appostli fil-verità kollha**, u aħna għandna dik il-verità irrivelata u ikkonfermata fit-Testment il-Ġdid, "*ir-rieda perfetta ta' Alla*" (Rumani 12:1-2) u "*l-liġi perfetta tal-ħelsien*" (Ġakbu 1:25; 2:12). Minn dawn is-siltiet naraw li dak li hu "perfett," dak li hu "sħiħ" issa qiegħed għandna u li permezz tiegħu biss wieħed jista' jikseb il-ħelsien u l-ħajja ta' dejjem!

Ġwanni jagħtina parir permezz ta' dan il-kliem:

> "*Għeżież, mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġejja minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:1).

Il-Mulej tagħna Nnifsu, Ġesù Kristu jwissi, li,

> "*Mhux kull min jgħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet! F'dak il-jum ikun hemm ħafna li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, mhux f'ismek ħabbarna aħna? U mhux f'ismek keċċejna x-xjaten u f'ismek għamilna ħafna mirakli?' Imbagħad jien ngħidilhom, 'Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!*" (Mattew 7:21-23).

"...U f'ismek għamilna ħafna mirakli..." "Ħafna" mirakli u mhux *xi* mirakli qal il-Mulej! Illum qegħdin isiru "ħafna" hekk imsejħa mirakli u dawk li jagħmluhom isostnu li għandhom l-Ispirtu s-Santu!

## ID-DON U D-DONI TA' L-ISPIRTU S-SANTU

> "*U Pietru weġibhom: Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu* ***d-don ta' l-Ispirtu s-Santu****. Għax il-wegħda qiegħda għalikom għal uliedkom u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom*" (Atti 2:38-39).

> "*Kif nistgħu neħilsu aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din is-salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh. Ma' tagħhom Alla żied ix-xhieda tiegħu b'sinjali u għeġubijiet u ħafna għemejjel setgħana, kif ukoll* ***bid-doni ta' l-Ispirtu s-Santu*** *mqassmin skond irrieda tiegħu*" (Lhud 2:3-4).

Ħafna nies iħalltu 'd-don ta' l-Ispirtu s-Santu' u 'd-doni ta' l-Ispirtu s-Santu'. Qabel ma nkomplu l-istudju tagħna dwar il-mirakli, tajjeb li naraw kif l-Ispirtu s-Santu juża dawn il-frażijiet fil-Kelma Mqaddsa Tiegħu u t-tifsira ta' kull waħda ssir ċara.

## 1. ID-DON TA' L-ISPIRTU S-SANTU

Permezz ta' l-appostli, l-Ispirtu s-Santu qal li dawk li jemmnu f'Ġesù, jindmu u jkunu mgħammdin, jirċievu l-maħfra tad-dnubiet u "*d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

Din il-wegħda kienet magħmula *disponibbli "għal dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom*" (Atti 2:38-39).

U Alla għadu jsejjaħ permez ta' l-Evanġelju. Pawlu jgħid,

> "*Jiena ma nistħix mill-evanġelju: għax l-evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel Lhud, u mbagħad Griegi, u fih tidher il-ġustizzja ta' Alla minn fidi għal fidi, skond ma hemm miktub: "Il-ġust jgħix bil-fidi*" (Rumani 1:16; ara wkoll Rumani 10:13-14; 2 Pietru 3:9).

Din il-wegħda kienet għan-nies kollha, għaż-żmien kollu. Ġesù qal,

> "*Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U, ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien*" (Mattew 28:18-20).

Għalhekk kull persuna li tobdi s-sejħa ta' Alla għandha l-wegħda ta':

> "*l-Ispirtu s-Santu li Alla ta lil dawk li jobduh*" (Atti 5:32).

## X'INHU D-DON TA' L-ISPIRTU S-SANTU?

Huwa l-Ispirtu s-Santu Nnifsu li jiġi biex jgħammar f'kull wieħed u waħda li jemmnu.

Waqt li kiteb lill-Kristjani f'Ruma, Pawlu fakkarhom li:

> "*l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Kristu mill-imwiet jgħammar fikom*" (Rumani 8:11).

U, lill-Kristjani f'Korintu, li:

> "*ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn Alla*" (1 Korintin 6: 19).

## KIF AĦNA NKUNU NAFU LI GĦANDNA L-ISPIRTU S-SANTU?

Għaliex Alla ma jigdibx (Titu 1:2) u l-Ispirtu s-Santu Tiegħu jinfurmana li:

> "*Intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu...U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat; Abba! Missier!*" (Galatin 3:26-27; 4:6).

Il-Kristjani għandhom ikunu jafu li huma għandhom l-Ispirtu s-Santu għaliex Alla hekk jgħid!

## XI JFISSER GĦALINA DAN ID-DON?

1. L-Ispirtu s-Santu jiggarantixxi l-wirt etern tagħna (Efesin 1:13-14).
2. L-Ispirtu s-Santu jqaddisna fil-ħajja tagħna (Rumani 15: 16; 1 Korintin 6:11; Galatin 6:8-9).
3. L-Ispirtu s-Santu jinterċiedi (jidħol) għalina fit-talb (Rumani 8:26-27).
4. l-Ispirtu s-Santu jmexxina permezz tal-Kelma tiegħu.
   a. Fl-1 Pietru 1:10-12 aħna nfurmati li l-Ispirtu ta' Kristu kien fil-profeti tat-Testment il-Qadim ibassar il-miġja tiegħu.
   b. L-istess Spirtu kien fl-appostli tat-Testment il-Ġdid jgħidilna l-messaġġ tal-Kristu li kien ġie.
   c. Qabel il-mewt Tiegħu, Ġesù wiegħed lil l-appostli Tiegħu li l-Ispirtu s-Santu kellu jiġi u "*jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom*" (Ġwanni 14:26), u "*iwassal-kom għall-verità kollha*" (Ġwanni 16:13).

Aħna naslu biex nemmnu f'Ġesù permezz tal-messaġġ ta' l-appostli (Ġwanni 17:20), li huwa "*l-verità kollha*" minn Ġesù permezz ta' l-ispirtu s-Santu biex aħna nagħtu widen għalih.

Mela, aħna ikkmandati biex: "*nieħdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi l-Kema ta' Alla*" bħala parti mill-"*armatura sħiħa ta' Alla*" biex tagħmilna "*b'saħħitna fil-Mulej*" (ara Efesin 6:10-18).

U b'hekk aħna għandna nkunu bħal dawk l-ewwel emmiena billi kontinwament "*inżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli*" (Atti 2:42), biex nitgħallmu u

napplikaw it-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna (Galatin 5:22-25).

## "KUN MIMLI BL-ISPIRTU"

Alla jikkmanda lil kull Kristjan biex "*jimtela bl-Ispirtu*" (Efesin 5:18). Dan jiġri meta intom "*tħallu l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom*" (Kolossin 3: 16). Għalhekk, "*dawk li jgħixu skond l-Ispirtu, ħsieb-hom fil-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu*" (Rumani 8:5).

Billi nkunu nafu l-Kelma ta' Alla, aħna nkunu ma-għmula għaqlin għas-salvazzjoni u nkunu magħmula mhejjija għal kollox għal kull opra tajba (2 Timotju 3: 16-17).

Dan hu li tiżra' biex togħġob lil l-Ispirtu s-Santu, sabiex tkun effettiv f'li tagħmel it-tajjeb lil l-oħrajn (Galatin 6:8-10).

## 2. ID-DONI TA' L-ISPIRTU S-SANTU

Dawn kienu doni speċjali mirakolużi mogħtija mill-Ispirtu s-Santu lil xi Kristjani fiż-żminijiet appostoliċi, li huma mfissra fit-Testment il-Ġdid bħala li għand-hom qawwiet differenti (ara 1 Korintin 12:4-11).

Mhux il-Kristjani kollha rċevew doni bħal dawn mill-Ispirtu s-Santu (1 Korintin 12:28-30).

Tabilħaqq, li wieħed kellu dawn id-doni ma kienx jagħti superjorità spiritwali fuq il-Kristjan; dak ma kienx l-iskop tad-doni (1 Korintin 13:1-3). Lanqas ma kien l-iskop tad-doni biex jikkonfermaw li dak li kellu dawn id-doni kien Kristjan iżda biex jikkonfermaw il-Kelma ta' Alla.

## GĦALIEX L-ISPIRTU S-SANTU TA DONI BĦAL DAWN

"*U huma telqu, u xandru ma' kullimkien, waqt li l-Mulej baqa' jaħdem magħhom, billi wettaq il-kelma, bis-sinjali li jakkumpanjawha*" (Mark 16:20).

"*Kif nistgħu neħilsu aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din hi s-salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh. Ma' tagħhom Alla żied ix-xhieda tiegħu b'sinjali u għeġubijiet setgħana, kif ukoll bid-**doni** ta' l-Ispirtu s-Santu mqassmin skond ir-rieda tiegħu*" (Lhud 2:3-4).

## X'KELLU JIĠRI MINN DAWN ID-DONI?

"*L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib il-għerf*" (1 Korintin 13:8).

## META DAWN ID-DONI JIEQFU?

"*Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; imma meta jfeġġ dak li hu sħiħ, jgħib dak li hu nieqes. Meta kont tarbija, kont nitkellem ta' tarbija, inħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Bħalissa naraw bħallikieku f'mera,*

*imċajpar, imma mbagħad naraw wiċċ imb' wiċċ. Issa nagħraf biċċa, imbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa. Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba*" (1 Korintin 13:9-13).

L-apostlu Pawlu kien ifallibbilment ispirat f'kull kelma li hu għażel. F'din l-ittra hu ma kellu l-ebda diffikultà f'li jesprimi f'mod ċar li xi ħaġa kienet se tkompli sakemm Kristu jerġa' jiġi. Hekk għamel rigward l-Ikla tal-Mulej, fejn kiteb,

"*Għax kull darba li tieklu dal-ħobż, u tixorbu dal-kalċi, tħabbru mewt il-Mulej sakemm jiġi*" (1 Korintin 11:26).

Dwar dan naraw aktar 'il quddiem.

## X'KIEN L-ISKOP TA' DAWN ID-DONI SPEĊJALI?

L-iskop kien biex "jikkonfermaw il-kelma" fi żmien meta dik il-Kelma kienet "*biċċa.*" Pawlu jgħid hekk f'Efesin 3:1-5,

"*Għalhekk jiena, Pawlu, priġunier ta' Kristu minħabba fikom il-pagani... jekk kif tassew ġara, intom smajtu bil-pjan tal-grazzja li Alla tani għall-ġid tagħkom, jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni għarrafni l-misteru, bħalma ġa ktibtilkom fil-qosor. Minn dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa kemm jiena dħalt fil-qalba tal-misteru ta' Kristu. Dan hu*

> *l-misteru li fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija ma kienx mgħ-arraf lill-bnedmin bħalma* ***issa ġie irrivelat*** *lil l-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti fl-Ispirtu*" (enfasi tiegħi).

Dawn id-doni kellhom jieqfu "*meta s-sħiħ* [= perfett jew komplut] jiġi."

Issa ħalli nkomplu l-istudju tagħna dwar il-mirakli u d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu.

## RIĠĠETTAR TAT-TALBIET KONTEMPORANJI

Mhuwiex biżżejjed li tkun taf id-differenzi mmarkati bejn il-ġenwin u l-falz. Wieħed għandu wkoll juri "kif" u "għaliex" it-talbiet kontemporanji tal-mirakoluż għandhom ikunu rriġettati.

### *Ebda Xhieda*

Talbiet kontemporanji mirakolużi għandhom ikunu rriġettati għaliex ma hemm ebda xhieda oġettiva li dawn jiġru.

Wieħed m'għandux ikun konfuż billi jidentifika l-ġrajjiet ta' l-għaġeb tan-natura mal-mirakli. Wieħed m'għandux ikun imqarraq billi jissopponi li l-istramb, ir-rari u l-paranormali huwa miraklu. Wieħed m'għandux ikun meħud mill-fenomena psikika, trikkijiet għaqlin jew frodi reliġjużi u jidentifikahom bħala miraklu. Wieħed m'għandux ikun tant ħafif li jibla' kulma jisma' u jara bħal li jirċievi xhieda ta' suppost ġrajjiet li jiġru lil nies mhux magħrufa f'postijiet imbiegħda u jaħseb li dawn huma mirakli. Wieħed m'għandux ikun tant mimli b'tama jew stennija ta' intervent Divin li

jidentifika kull ħaġa li hu ma jifhimx bħala att ta' Alla. Waħda mill-kwalifiki ta' isqof hija:

> "*...Ma għandux ikun wieħed li għadu kif tgħammed, li ma jmurx jimtela bih innifsu u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan*" (1 Timotju 3:6).

Din it-twissija hija ta' importanza kbira għaliex meta wieħed ikun għadu kif beda l-ħajja Kristjana, dan tant ikollu entużjażmu li jibda jaċċetta kull tagħlim li hu jaqra dwaru u mingħalih li jkun tassew Skritturali. Dan, sfortunatament, jiġri kemm-il darba fil-knisja u l-ħsara li ssir tkun irreparabbli! (Meta ngħidu għadu kif tgħammed ma jfissirx l-ewwel ġimgħa jew xahar jew sena imma li jkollu maturità fil-Kelma ta' Alla).

Jekk tassew miraklu jiġri, fejn hi l-prova?

### *Ebda Skop*

Talbiet kontemporanji mirakolużi għandhom ikunu irriġettati għaliex ma hemm ebda skop validu li l-mirakli jservu f'dan iż-żmien. Hemm żewġ skopijiet għall-mirakli tat-Testment il-Ġdid. L-ewwel kien hemm l-iskop biex jikkonfermaw lil l-irġiel tat-Testment il-Ġdid u l-messaġġ tat-Testment il-Ġdid. It-tieni, kien hemm l-iskop li juru li Ġesù kien it-twettiq tal-profeziji Messjani-ċi tat-Testment il-Qadim.

Il-mirakli jkunu meħtieġa mill-ġdid jekk ikun hemm Messija ġdid! Il-mirakli jkunu meħtieġa mill-ġdid jekk ikun hemm rivelazzjoni ġdida minn Alla! Billi Ġesù huwa s-sagrifiċċju ta' "*darba għal dejjem*" għad-dnub, in-nies ma jeħtiġux Salvatur ieħor (ara Lhud 7:27; 9:12, 26). Billi l-fidi li kienet mogħtija lill-qaddisin fiż-żmien

ta' l-appostli kienet "*darba għal dejjem*", qatt aktar ma jkun hemm ħtieġa għall-fidi oħra li tkun mogħtija lill-bnedmin. Billi l-iskopijiet tal-mirakli kienu mwettqa ma hemmx aktar ħtieġa għalihom. Ma hemmx Ġesù ieħor li ġie li Alla għandu jagħti xhieda għalih permezz tal-mirakoluż. Ma kien hemm ebda rivel-azzjoni ġdida lill-bniedem li għandha tkun ikkonfermata bil-mira-kli. Talbiet ta' mirakli huma rriġettati għaliex dawn m'għand-homx skopijiet validi.

Il-Lhud fiż-żmien ta' Ġesù fittxew is-sinjali. Huma riedu lil Ġesù biex jagħmel sinjali ħalli b'hekk huma jkunu jistgħu, bħal Iżrael taħt Mosè, ikollhom ħobż mis-sema mingħajr ma jaħdmu għalih (Ġwanni 6:26, 30). Huma riedu sinjal biex jinvalidaw lil Ġesù mit-tindif tat-tempju (Ġwanni 2:18). Huma riedu sinjal ieħor wara li raw lil Ġesù jkeċċi demonju minn raġel maħkum mid-demonju li kien agħma u mutu (Mattew 12:38). It-tweġiba Tiegħu kienet ċara għal dawk li kienu jfittxu sinjal. Huma fittxew mirakli imma rriġetaw l-iskop tal-mirakli bħala li huwa dak li jikkonferma l-awtorità ta' Ġesù.

> "*Nisel ħażin u żieni jfittex sinjal; u l-ebda sinjal ma jingħatalu, ħlief is-sinjal ta' Ġona l-profeta*" (Mattew 12:39).

L-iskop tas-sinjali mhuwiex għall-kurżità, setgħa jew qliegħ jew gwadan materjali. Huma lanqas biss saħansitra m'għandhom bħala l-iskop primarju tagħhom il-wiri ta' kumpassjoni minn dak li jwettaqhom. L-iskop tagħhom huwa konferma.

Il-mirakli tat-Testment il-Ġdid diġa ikkonfermaw lil

Ġesù u l-messaġġ Tiegħu. Dawk li jfittxuhom għal skopijiet oħra jieqfu ikkundannati l-istess daqs kif kienu l-Lhud li ma emmnux!

Ir-raġel għani fil-post l-imwiet ried miraklu. Hu talab lill-Missier Abraham għall-qawmien ta' Lażżru sabiex ikun jista' jmur lura fid-dinja u jwissi lil ħamest aħwa tiegħu, *"li ma jmorrux huma wkoll jiġu f'dan il-post ta' tbatijiet ħorox*" Missier Abraham wieġeb, "*Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom.*" Ir-raġel għani f'post l-imwiet ma ħasibx li l-Iskrittura *kienet biżżejjed* fit-twissija tagħhom. Hu kompla biex ifittex miraklu:

> "'*Le, missier, Abraham' qallu dak, 'imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jin-dmu.' Iżda wieġbu Abraham, 'Jekk ma jisi-mgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.*'" (Luqa 16: 29-31).

Il-mirakli mhumiex meħtieġa meta hemm Skrittura ċara. Li tfittex miraklu meta Alla diġa ta rivelazzjoni huwa li komple-tament ma tifhimx l-iskop tal-mirakloluż. Jista' jintqal kemm dwar ir-raġel għani f'post l-imwiet u kemm dwar dawk li jfittxu mirakli ġodda llum, "Jekk wieħed jirriġetta t-tagħlim ċar ta' l-Iskrittura, hu ma jkunx ipperswadut biex jindem ukoll jekk jara bosta mirakli."

L-iskop tal-mirakli mhuwiex li tittestja lil Alla biex tara jekk Hu jżommx il-wegħdiet Tiegħu. L-iskop tal-mirakli mhuwiex biex tgħid lill-persuna ħalli toħroġ mill-għawġ tagħha.

Waħda mit-tentazzjonijiet lix-xitan ta lil Ġesù fid-deżert tin-stama' wisq bħal dawk li jfittxu wara l-mirakli llum. Fit-tieni tentazzjoni, skond Mattew, aħna għandna l-konverżazzjoni li ġejja bejn Ġesù u x-xitan.

> "*Imbagħad ix-xitan ħadu fil-belt il-qaddisa, u qiegħdu fuq il-quċċata tat-tempju, u qallu: Jekk int Bin Alla, ixteħet għal isfel; għax hu miktub:* ***Hu jqabbad l-anġli tiegħu jieħdu ħsiebek: u f'idejhom iżommuk 'il fuq, li ma taħbatx sieqek ma' xi ġebla****. Qallu Ġesù: Targa' hu miktub:* ***La ġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek***" (Mattew 4:6-7; enfasi tiegħi).

Din kienet tentazzjoni għal Ġesù biex juri l-qawwa Tiegħu. Ix-xitan sfidah biex jipprova li Hu kien l-Iben ta' Alla billi jippro-duċi mirklu. L-iskop tal-miraklu ma kienx se jkun għall-konfer-ma. Ġesù kien jaf min huwa Hu. Ix-xitan ried lil Ġesù jwettaq miraklu biex jittestja l-wegħda ta' Alla. Saħansitra ikkwota l-Iskrittura minn Salm 91:11-12.

Inti tista' timmaġina l-persważjoni tax-xitan li mhix mik-tuba. Bħal dawk li jittantaw fis-seklu tagħna, hu seta' qal: "Ma temminx int il-wegħda ta' Alla?"; "Ma tafdax int f'Alla li kien wiegħed li l-anġli Tiegħu jżommuk?"; "Ma tixtieqx int li jkollok dak kollu li Alla jrid li jkollok?"; "Poġġi lil Alla għall-prova biex tara jekk Hu jżommx il-wegħda Tiegħu!". Ġesù irrifjuta li jċedi għal tentazzjoni bħal din u ikkwota l-Iskrittura huwa Nnifsu,

*"La ġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek!"*

Parti bażika tat-tentazzjoni kienet lix-xitan kien qiegħed ifit-tex biex jaqleb l-iskop tal-mirakli. Hu ried lil Ġesù biex ipoġġi lil Alla għall-prova u jara jekk Hu jżommx il-wegħdiet Tiegħu. Ġesù rrifjuta li jġarrab lil Alla billi jitlob għall-miraklu. L-istess tweġiba għandha tkun mogħtija mill-Kristjani llum meta huma jkunu ttantati biex jitolbu għall-miraklu.

### *Ebda Persuna Ma Hija Ikkwalifikata Biex Tagħmel il-Mirakli Llum*

Talbiet mirakolużi kontemporanji għandhom ikunu irriġetta-ti għaliex ma hemm ebda persuna ħajja llum li hija ikkwalifika-ta biex tagħmel jew twettaq il-mirakli.

Fit-Testment il-Ġdid bosta gruppi ta' individwi kellhom qawwa mirakoluża.

Ġesù, it-tnax u s-sebgħin wettqu mirakli matul il-ministeru personali ta' Ġesù (ara Mattew 10:1; Luqa 10:1-20). L-appostli kienu jistgħu jwettqu sinjali. Dan kien konferma ta' l-uffiċċju appostoliku tagħhom (ara 2 Korintin 12:12). It-tnax u s-sebgħin kienu jistgħu jwettqu sinjali **għaliex Ġesù kien tahom l-awto-rità biex jagħmlu hekk**.

Dawk li fuqhom l-appostli qiegħdu jdejhom kellhom qaw-wiet mirakolużi (Atti 8:18). Tnejn mis-sebat irġiel li fuqhom l-appostli qiegħdu jdejhom f'Atti 6 kienu jistgħu jagħmlu l-mirakli f'ħin aktar tard (ara Atti 6:5-8; 8:6). It-tnax-il raġel li l-appostlu Pawlu ikkonverta f'Efesu kienu jistgħu jitkellmu mirakolożament b'lingwi oħra u jipprofetizzaw wara li

Pawlu qiegħed idejh fuqhom (ara Atti 19:1-7). Timotju rċieva don ta' grazzja permezz tat-tqegħid ta' l-idejn fuqu ta' Pawlu (ara 2 Timotju 1:6). Bosta individwi f'Korintu rċevew qawwiet mira-kolużi. Huma kellhom doni spiritwali biex jagħmlu ħafna kwal-itajiet ta' ħwejjeġ mirakolużi (ara 1 Korintin 12:7-11). Imkien l-Iskrittura ma tgħid li huma rċevew dawn il-qawwiet permezz tat-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli, iżda ċertament li hekk kien il-każ. L-appostlu Pawlu kien f'Korintu għal aktar minn sena u kellu żmien biżżejjed u opportunità kemm ried li jqiegħed idejh fuq il-Kristjani li kien hemm f'Korintu sabiex huma jkunu jist-għu jwettqu l-mirakli. Wara li kien hemm kitbilhom li "*biex ma jkun jonqoskom ebda don*" (1 Korintin 1:7).

Xi wħud jippruvaw jgħidu li Pawlu ma kienx appostlu bħat- tnax. Imma jew dawn kienu mqarrqin f'li jemmnu dan billi forsi, kif diġa għedt aktar qabel, huma kienu għadhom fil-fażi ta' l-entużjażmu, jew inkella qatt ma ndenjaw ruħhom jaqraw sewwa l-Iskrittura! L-ispirazzjoni tgħidilna hekk dwar Pawlu:

> "*Pawlu, appostlu, (mhux mill-bnedmin, lan-qas permezz tal-bnedmin, imma permezz ta' Ġesù Kristu, u t'Alla l-Missier, li qajmu minn bejn l-imwiet*" (Galatin 1:1).
>
> "*Pawlu, imsejjaħ biex ikun appostlu ta' Ġesù Kristu permezz tar-rieda t'Alla,...*" (1 Korintin 1:1; ara wkoll Rumani 1:1; Efesin 1:1; Kolos-sin 1:1;

1 Timotju 1:1; 2 Timotju 1:1).

Pawlu nnifsu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, jagħti prova dwar l-appostolat tiegħu meta jgħid,

> "*Naħseb li jien miniex inqas minn dawn l-appostli kbar*" (2 Korintin 11:5).

Hu ma jieqafx hawn. Hu jkompli jgħid dwar l-appostli foloz,

> "*Dawn l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl. Mhux ħaġa kbira, mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiem-hom ikun skond għemilhom*" (2 Korintin 11: 13-15).

Kornelju u l-familja tiegħu rċevew il-qawwa mirakoluża biex jitkellmu b'lingwi oħra u jipprofetizzaw. Dan kien wisq l-istess bħal dak li kien ġara fil-jum ta' Pentekoste (Atti 10:44-48; 11:15-18). Huma, bħall-profeti, kienu rċevew il-magħmu-dija ta' l-Ispirtu s-Santu.

L-iskop ta' xi ħaġa normalment jista' jkun jidher flużu ma-għmul minnha, u dan dejjem kien il-każ ta' nies ispirati. X'użu jew użijiet għamel Pietru dwar il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq Kornelju u l-Ġentili l-oħra? Użu wieħed biss qatt kien magħmul minn din il-ġrajja: *Biex ikisser il-preġudizzju tal-Lhud, biex iġiegħelhom jaraw li l-Ġentili jistgħu jkunu*

*mgħammda (isiru Kristjani) mingħajr ma jkunu ċirkonċiżi (mingħajr ma jsiru Lhud).* F'Atti 10:47 Pietru staqsa jekk il-Lhud li kienu preżenti jistgħux iċaħħdu lill-Ġentili mill-magħmudija, wara li raw li huma ħadu l-Ispirtu s-Santu? F'Atti 11:16-17 waqt li Pietru kien qiegħed ikellem lil l-aħwa f'Ġerusalem, hu reġa' semma l-inċident u l-aħwa ferħu bis-salvazzjoni tal-Ġentili. Mbagħad, f'Atti 15, meta l-aħwa ħadu l-problema taċ-ċirkonċiżjoni għand l-appostli, Pietru rriferixxa għal dan l-inċident għat-tielet darba f'appell għall-Kristjani Lhud biex ma jorbtux iċ-ċirkonċiżjoni fuq il-Kristjani Ġentili. Ladarba dan huwa l-użu uniformi ma-għmul dwar dan l-inċident, aħna jkollna ngħidu, "L-Ispirtu s-Santu ġie fuq Kornelju qabel ma hu kien mgħammed biex jagħti prova darba għal dejjem dak li Pietru kien qal f'Atti 2:21 u 39—li lkoll, kemm Lhud u kemm il-Ġentili jistgħu jkunu mgħammda, ikollhom dnubiethom maħfura, u jirċievu l-Ispirtu s-Santu." Pietru ma ħarisx lejn dan il-miraklu bħala tmiem fih innifsu, imma sempliċiment użah bħala prova li dawn in-nies kienu jistgħu jitgħammdu.

Il-qawwa li tagħmel il-mirakli ma kinetx imqassma f'man-jiera kaotika. Ġesù, l-Iben ta' Alla u l-appostli Tiegħu kienu dawk l-aktar prominenti f'li jagħmlu l-mirakli. Warajhom ġew dawk li rċevew il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu u dawk li kienu rċevew it-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli fuqhom.

Ma hemm **ebda** individwi f'dawn il-kategoriji li qed jgħixu llum. Ir-riżultat huwa, bla ebda dubju ta' xejn, li ma hemm ebda mirakli llum ħlief dawk foloz!

***Ebda Awtorità***

Talbiet kontemporanji mirakolużi għandhom ikunu irriġetta-ti għaliex ma hemm ebda awtorità Skritturali biex tissuġġerixxi li dawk kellhom ikomplu aktar 'il quddiem miż-żmien ta' l-appostli.

Xi wħud jissuġġerixxu li Ġesù wiegħed li l-mirakli għand-hom ikomplu. Biex jappoġġjaw din it-talba huma jirriferixxu għall-istqarrija li għamel Ġesù wara li ta l-Kummissjoni l-Kbira,

> "*dawn is-sinjali jakkumpanjaw lil dawk li jemmnu*" (Mark 16:17).

Ġesù ma qalx, "*dawn is-sinjali jkunu **mwettqa** minn dawk li jemmnu.*" Il-wegħda hija pjuttost, "*dawn is-sinjali **jakkumpan-jaw** lil dawk li jemmnu.*" L-istqarrijiet mhumiex l-istess. Sinjali jistgħu jakkumpanjaw il-predikar ta' l-Evanġelju direttament kif kien magħmul fil-ħajja ta' l-appostli. Sinjali jistgħu wkoll jakkumpanjaw il-predikar ta' l-Evanġelju permezz ta' l-Iskrit-tura li rreġistrat is-sinjali. Ta' l-ewwel jistgħu jkunu illustrati b'kummentarju li jagħmel Mark fuq din il-wegħda ta' Ġesù:

> "*U huma telqu, u xandru ma' kullimkien, waqt li l-Mulej baqa' jaħdem magħhom, billi wettaq il-kelma, bis-sinjali li kienu jsiru ma-għha*" (Mark 16:20).

Il-kelma kienet ikkonfermata bil-mirakli (sinjali) mwettaq per-mezz ta' l-appostli. In-nies kienu jistgħu jaraw u jemmnu li l-messaġġ kien minn Alla.

It-tieni jista' jkun illustrat permezz ta' l-istqarrija

ta' l-ap-postlu Ġwanni dwar il-mirakli. Fil-konklużjoni ta' l-Evanġelju tiegħu, Ġwanni juri lir-rakkonti miktuba ta' mirakli wkoll jik-konfermaw ix-xogħol.

> "*U tassew ħafna mirakli oħra għamel Ġesù quddiem id-dixxipli tiegħu, li ma nkitbux f'dan il-ktieb: Imma dawn inkitbu, biex tem-mnu li Ġesù hu l-Kristu, Bin Alla; u biex billi temmnu, ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30-31).

Il-kelma kienet ikkonfermata bil-mirakli rreġistrati permezz ta' l-appostli. In-nies kienu jistgħu jaqraw u jemmnu li l-messaġġ kien minn Alla.

Xi wħud kienu ġew imqarrqa f'li jaħsbu li jekk Ġesù Hu "*l-istess il-bieraħ, illum u jibqa' għala dejjem*," allura l-mirakli għandhom jibqgħu jsiru. (Lhud 13:8). Għandu jkun osservat li ma hemm xejn fil-kontenut ta' din is-silta fl-Ittra lil-Lhud li jir-riferixxi għall-mirakoluż. Din is-silta qiegħdha tagħllem li Ġesù huwa l-istess, mhux li Hu jwettaq fid-dinja bl-istess mod f'kull ġenerazzjoni. Ġesù ma jmutx fuq is-salib kuljum jew f'kull ġenerazzjoni. Ġesù mhuwiex imqajjem kuljum jew f'kull ġen-erazzjoni. Lanqas ma huma l-mirakli li jikkonfermaw il-kelma ma huma mwettqa f'kull ġenerazzjoni. Ġesù Hu l-istess f'kull ġenerazzjoni, imma hemm affarijiet li Ġesù għamilhom darba u għaż-żminijiet kollha. Li jwettaq il-mirakli hija waħda minn dawk l-affarijiet.

It-Testment il-Ġdid innifsu jbassar il-waqfien tal-

mirakoluż. Kien hemm tnaqqis fl-attivitajiet mirakolużi mill-Vanġeli għal Atti. Hemm saħansitra tnaqqis akbar mill-Atti għal l-Epistoli. Hemm ukoll saħansitra tnaqqis mill-epistoli bikrija għal dawk ta' warajhom. Dan kollu jirrifletti l-waqfien tal-mirakoluż fl-epoka appostolika.

Dan ma jfissirx li Alla waqqaf ix-xogħol Tiegħu fid-dinja. Dan ma jimplikax li Ġesù billi mar fis-smewwiet issa m'għan-du ebda interess fid-dixxipli Tiegħu fuq l-art. Dan ċertament ma jissuġġerixxiex li l-Ispirtu s-Santu mhux qiegħed jaħdem f'nofs il-knisja llum. Alla hu ħaj u qiegħed jaħdem fid-dinja tal-lum. L-Ispirtu s-Santu għadu jgħammar f'kull Kristjan. Ġesù għadu jaħdem fil-ħajja ta' individwi u jmexxi l-ġnus.

Il-mistoqsija mhix "jekk Alla jaħdimx fid-dinja," imma "**kif** Alla jaħdem fid-dinja." Li tiċħad talbiet mirakolużi kontem-poranji ma jġibx fix-xejn bl-ebda mod il-fidi tal-persuna fix-xogħol preżenti ta' Alla. Ħaġa bħal din hija affermazzjoni li Alla qiegħed jaħdem fid-dinja imma skond ir-rieda Tiegħu fir-rivelazzjoni u fil-ħolqien. Mirakli ma jiġrux għaliex hekk hija x-xhieda mill-Iskrittura, mir-raġuni u mill-osservazzjoni.

Bosta reliġjużi jistqarru li jkeċċu x-xjaten, imma ma hemm ebda xhieda oġġettiva biex tindika li dawn tassew isiru jew jiġru! Huma jistgħu biss joffru x-xhieda suggettiva tagħhom. Eretiċi, l-hekk imsejħa 'witch doctors' u oħrajn jagħmlu l-istess ħaġa.

Nies jistaqrru li jitkellmu bl-ilsna, imma l-espressjonijiet estatiċi tagħhom **mhumiex** lingwi

barranin tal-bnedmin imma huma kliem imgħaġġel u bla ebda sens ta' xejn (jekk wieħed jista' jsejjaħlu kliem!). Eretiċi, pagani u spiritwalisti jagħmlu l-istess ħaġa! Id-don ta' l-ilsna tat-Testment il-Ġdid kien lingwi tal-bnedmin li n-nies kienu jistgħu jitkellmu mingħajr ma jkunu studjawhom. Dan id-don kien miksub mirakolożament.

Bosta reliġjużi wkoll jistqarru li jfejqu lill-morda, imma **biss** ċerti wħud b'xorta ta' mard speċifiku. It-talbiet ta' fejqan mhu-miex issostanzjati bħala li huma sopranaturali jew mirakolużi. Dawn mhumiex aktar minn terapija għall-mard psikosomatiku u spejagazzjonijiet reliġjużi ta' ġrajjiet paranormali. Dawn iku-nu magħmula biex jidhru tant meraviljużi permezz tax-xhieda esaġerata li hija mogħtija f'atmosfera emozzjonali. Eretiċi, pagani u spiritwalisti jagħmlu l-istess ħaġa!

Rari nies li jistqarru li jagħmlu dawn il-mirakli jippruvaw biex iqarrqu s-sinjali li jixorbu xorb velenuż li jġib il-mewt jew li jaqbdu sriep velenużi. Meta xi whud ippruvaw li jagħmlu dan, huma mardu u spiss mietu. Gazzetti spiss irrapportaw l-imwiet ta' individwi nvoluti fil-kulti li jaqbdu s-sriep b'idej-hom li jużaw Mark 16:18 biex jiġġustifikaw ir-ritwal tagħhom. Jim Jones u s-segwaċi tiegħu huma xhieda kontemporanja għall-fatt illi li tixrob velenu li joqtol—ukoll jekk dan ikun magħmul f'ritwal reliġjuż—jista' jkun fatali.

L-Iskrittura nfisha turi li l-mirakoluż kellu jgħaddi u jieqaf kif diġa rajna aktar qabel. L-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu jitkellem dwar dan meta

kiteb lill-Korintin li gglorifikaw l-elementi mirakolużi tad-doni tagħhom. Naqraw hekk dwar dan fl-1 Korintin 13:8-10,:

> "*L-imħabba qatt ma tintemm; iżda l-profeziji jgħibu; u jisktu l-ilsna, u jgħib il-għerf. Għax aħna ma nafux kollox: ma nipprofittizzawx kollox. Iżda meta jiġi dak li hu sħiħ (perfett) imbagħad dak li hu nieqes igħib.*"

Din is-silta tagħllem biċ-ċar li d-doni spiritwali bħal profezi-ja, ilsna u għerf jispiċċaw, jieqfu, jgħibu. Dawn kienu tempo-ranji, inferjuri u li jgħaddu waqt li l-imħabba qatt ma tonqos. Dawk li jfittxu wara sinjali mirakolużi bħal dawn għandhom jifhmu li l-appostlu Pawlu bassar l-għejbien tagħhom.

1. Meta l-appostlu Pawlu jitkellem dwar profezija, ilsna u għerf (għarfien), hu mhuwiex qiegħed jitkellem dwar 'kelma' każwali 'mill-Mulej' (imħallta u parti minnha mhux ġenwina), xi ħaġa spiritwalment misterjuża u li taħjik għall-mument, li tipproduċi sħana fuq ġewwa u għarfien in ġenerali. F'kull riferenza hu qiegħed *jitkellem dwar rivelazzjoni sporanaturali mogħtija minn Alla*. Id-don ta' l-għerf jaw aħjar għarfa huwa spjegat hekk minn John Wesley: 'Forsi abillità straordinarja biex tifhem u tispjega t-tipi u l-profeziji tat-Testment il-Qadim' (Wesley, p. 623). Din hija l-aktar interpretazzjoni prattika. Eżempju tagħha huwa l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-profezija ta' Ġakbu minn Għamos 9 għad-dħul tal-Ġentili fil-knisja fil-laqgħa f'Ġerusalem

(ara Atti 15:12-17).

2. Pawlu kien infallibbilment ispirat f'kull kelma li hu għażel. F'din l-ittra hu ma kellu ebda diffikultà ta' xejn biex jesprimi f'mod mhux ambigwu, f'mod l-aktar ċar u li wieħed jista' jifhem li xi ħaġa kienet sejra tkompli sakemm Kristu jerġa' jiġi. Hekk dwar l-Ikla tal-Mulej hu kiteb,

> "*Għax kull darba li tieklu dal-ħobż, u tixorbu dal-kalċi, tħabbru mewt il-Mulej sakemm jiġi*" (1 Korintin 11:26).

Għalhekk aħna nistgħu nistaqsu b'mod leġittmu, 'Għaliex Pawlu ma użax l-istess lingwa fl-1 Korintin 13 jekk hu ried li jesprimi l-istess ħsieb? Mhuwiex hu jaħseb biex jesprimi xi ħaġa ta' natura differenti fil-kapitlu li jiġi aktar wara (13)? Meta Pawlu jirriferixxi għat-tieni miġja hu mixħut aktar li jitkellem dwar persuna ġejja pjuttost milli dik dwar ġrajja.

3. Pawlu wkoll ma kellu ebda diffikultà f'din l-ittra f'li jir-riferixxi għat-tmiem (*telos*), li biċ-ċar tfisser it-tieni miġja ta' Kristu. Għalhekk hu jgħid żewġ kapitli wara,

> "*Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-sal-tna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa*" (1 Korintin 15:24).

Għaliex għal darb'oħra hu evita deliberalment milli juża din il-kelma fl-1 Korintin 15? Nemmnu aħna li kull kelma fl-Iskrittu-ra Mqaddsa hija deliberalment u bil-ħsieb magħżula b'super-viżjoni ta' l-Ispirtu s-Santu? Jew nemmnu li mexxejja reliġjużi

denominattivi għandhom l-awtorità li jinterpretaw l-Iskrittura kif iridu huma! Nemmnu aħna li kull differenza f'kull dell ta' tifsira hija importanti?

4. Pawlu kien iggwidat mill-Ispirtu s-Santu biex juża l-kel-ma '*to teleion*' f'vers 10 għal 'perfezzjoni'. Kif diġa rajna aktar qabel, din il-kelma hija newtru (mod tassew stramb li tirrife-rixxi għal Kristu) u tfisser 'il-ħaġa kompluta'. Lanqas darba waħda biss mal-kelma *teleios* ma tirriferixxi għal Parousia jew it-tmiem tal-ħwejjeġ kollha miġjub permezz ta' dik il-ġrajja. Din spiss hija tradotta bħala 'matur' u dan huwa l-każ fl-1 Kor-intin 2:6. Aħna dejjem għandna nkunu attenti għal interpret-azzjonijiet ħżiena li llum qegħdin nisimgħu dwarhom. L-unika raġuni tagħhom hija t-tagħlim falz li qegħdin jgħallmu l-millen-jalisti! Sabiex it-tagħlim tagħhom ikun jaqbel ma' siltiet oħra fl-Iskrittura, u l-1 Korintin 13:10 huwa vers minnhom, huma għandhom jagħtu interpretazzjoni differenti minn dik li ta l-Is-pirtu s-Santu ħalli l-vers ikun jaqbel mat-tagħlim falz tagħhom.

5. Għalhekk huwa l-iżvilupp sħiħ u matur tal-profezija, u lingwi oħra u għerf li għandna quddiemna. Dawn id-doni huma t-tlieta li bihom Alla jikkommunika verità sopranaturali, awto-revoli u infallibbli. Fiż-żmien meta l-1 Korintin kienet miktuba Hu għamel dan f'mod imparzjali imma mhux f'mod mhux perfett permezz ta' dawn id-doni. X'inhi l-forma finali u komp-luta ta' Alla jitkellem sopranaturali, awtorevoli u infallibbli? Mhijiex din bla dubju ta' xejn l-Iskrittura tat-Testment il-Ġdid? Dawn huma l-profeziji biex iġibu fit-tmiem il-profeziji

kollha hu hekk huma spiss murija (Rumani 16:26; 2 Pietru 1:19; Rivelazzjoni 22:18). Hija sfortuna kbira li ħafna nies reliġjużi għadhom imqabbda mal-profeziji tat-Testment il-Qadim u minflok jaraw it-twettiq tagħhom fit-Testment il-Ġdid, dak li hu perfett jew sħiħ, għadhom jistennew il-futur! Il-profezija kienet mogħtija 'b'rivelazzjoni' u kien 'b'rivelazzjoni' li l-Iskrittura kienet miktuba (Rumani 16:25; Efesin 3:3, 5). Kuntrarju għal 'lingwi oħra' jew tlissin ta' 'misteru' nvolut fl-ilsna moderni, ħafna siltiet Skritturali jenfasizaw li l-kittieba tat-Testment il-Ġdid kellhom kummissjoni biex 'jagħmlu ċar lil kulħadd l-amministrazzjoni ta' dan il-misteru' (Efesin 3:9; Kolossin 1:24-27). Fejn aktar għandha r-rieda ta' Alla s-salva lin-nies minn kull "nazzjon, tribù, poplu u lingwa' aktar impoġġi 'l quddiem f'mod sħiħ milli fit-Testment il-Ġdid komplut? Hemm, kif kien, il-'misteru' huwa għall-wiri miftuħ u komplut. Fejn aktar jekk mhux fit-Testment il-Ġdid li huwa komplut huwa l-muftieħ ta' l-għerf, il-mod ta' interpretazzjoni ta' l-Iskritturi tat-Testment il-Qadim li huwa mpoġġi 'l quddiem b'mod l-aktar komprensiv? Kapitli sħaħ, bħal Rumani 9, Lhud 1 u kotba sħaħ, bħal Rivelazzjoni, juruna kif ninterpretaw silta wara silta, kemm jekk dawn ikunu simboliżmu moħbi, tbassir jew profeziji Messjaniċi li għandhom x'jaqsmu mal-knisja. Barra minn hekk, dawn huma linji ta' gwida perfetti. Dak kollu li aħna neħtieġu hu mogħti (2 Pietru 1:3).

6. Pawlu kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu biex juża kelma qawwija ħafna għall-waqfien ta' dawn id-doni.

Hu tkellem dwarhom li jkunu meqruda (*katargeo*). Pawlu reġa' uża din il-kelma fl-1 Korintin 15:24, 26. Il-verb huwa wżat f'vers 8 b'riferenza għal profezija u għerf u mill-ġdid f'vers 10 b'riferenza għal dawn id-doni kollha. Judisch, fl-istudju eċċellenti tiegħu lingwistiku ta' dan il-kapitlu qal, wara li wera t-tifsira qawwija tal-verb, li 'it-tmiem tad-doni profetiċi kellu jkun taħsir komplut li ma jerġax jissemma. Pawlu ma ħalla ebda lok għal xi ħsieb ta' nuqqas temporanju u qawmien mill-ġdid. Jekk id-doni profetiċi qatt jieqfu, dawn jieqfu għal dejjem. Imma li dawn waqfu f'xi punt jew ieħor huwa ċar mill-istorja. Għalhekk dawn waqfu għaż-żminijiet kollha' (Douglas Judisch, *An Evaluation of Claims to the Charismatic Gifts*, Baker biblical Monograph, 1978, p. 83). Għall-perjodi twal ħafna, jekk mhux għal sekli sħaħ, id-doni ma baqgħux jidhru aktar. Imma aktar wara dawn id-doni moderni bdew jidhru u b'hekk qiegħed iseħħ dak li qal il-Mulej u l-Ispirtu s-Santu f'Mattew 7:21-23 u fit-2 Tessalonikin 2:9-12.

7. Jekk aħna nibqgħu għall-mument ieħor mal-kelma 'perfezzjoni', ikun jista' faċilment jidher li din hija deskrizzjoni xierqa, leġittma u tabilħaqq spiss użata għall-Kelma ta' Alla, l-Iskrittura Mqaddsa. Ma jseħiliex Pietru "il-kelma ta' Alla li tgħix u tibqa' għal dejjem" u hija "ħalib safi" u f'paragun li kull ħaġa oħra tispiċċa, tiġi fix-xejn u li ma tissodisfax? (1 Pietru 1:22-23—2:2). Ma jiddikjarax l-appostlu Pawlu, fl-istqarrija klassika tiegħu liż-żagħżugħ Timotju, li fil-Kelma ta' Alla hemm proviżjoni sħiħ u adegwat biex jilqa' l-eventwalitajiet kollha?

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbha minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwid-deb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bnie-dem ta' Alla jkun* ***perfett****, imhejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16, 17).

Tista' xi ħaġa li mhix perfetta tagħmel lil xi ħadd perfett? Jekk aħna ma nħarsux lejn dawn bħala li huma deskrizzjonijiet ta' kompletezza u perfezzjoni fil-qasam ta' rivelazzjoni mogħtija minn Alla fl-Iskrittura, allura aħna nkunu mġiegħla li nistaqsu x'termini aktar qawwija jistgħu jkunu wżati?

8. Fl-1 Korintin 13:12 Pawlu juża t-tixbiħa ta' li tħares lejn mera. Pawlu qiegħed iqabbel l-istat tal-knisja qabel ma l-Iskrittura tst-Testment il-Ġdid kienet miżjuda ma' l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim ma' persuna tħares lejn mera ta' metall illustrat li kienet tirrifletti biss xbiha mċajpra. Il-persuna ratċerti ħwejjeġ f'mod reali imma frammentarju. Din kienet il-pożizzjoni tal-Kristjan meta Alla irrivela l-verità Tiegħu 'f'biċċa' permezz tal-p;rofezija, ilsna u għerf. Dak li kien meħtieġ kienet xbiha ċara fejn kull dettall u faċċata, kemm kbir u żgħir, ikun irrivelat. Dan, il-mera tat-Testment il-Ġdid ipprovdietu ċar u perfettament. Huwa aċċidentali li Pawlu juża l-kelma '*espotron*' għall-mera u li l-uniku post ieħor li din il-kelma hija wżata fil-bibbja huwa f'Ġakbu 1:22-25? Ġakbu jgħid li l-mera hij al-Iskrittura li tagħti riflessjoni ċara u tipprovdi lill-bniedem bix-xhieda kollha li hu jeħtieġ li fuqha tieħu l-azzjoni. Il-kelma wżata għal perfett hija '*teleios*'.

9. Dawk li jridu li "l-ħaġa sħiħa" jew perfetta ta' l-1 Korintin 13:10 li tkun l-istat tal-glorja eterna jargumentaw li l-ewwel klawsola ta' vers 12 qed tiriferixxi għal li tara lil Kristu f'mod baxx, imċajpar matul din il-ħajja u lit-tieni klawsola titkellem dwar li tara lil Kristu wiċċ imb'wiċċ f'sens letterali fis-smewwiet. Interpretazzjni bħal din hija dubjuża, iżda, għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, din tieħu figurattivament "l-imċajpar" (*ainigmati*) ta' l-ewwel klawsola, imma l-"wiċċ imb'wiċċ" (*prosòpon pros prosòpon*) tat-tieni klawsola letteralment; resqan aktar konsistenti għall-kuntrast intenzjonat jidher ippreferut. Jekk aħna ħsibna li l-oġġett tal-verb *blepomen* ("naraw") kien Kristu, aħna għandna ninnutaw li l-konċett li naraw lil Kristu wiċċ imb'wiċ jiġri xi mkien ieħor fl-ittri lil Korintin f'sens figurattiv (ara 2 Korintin 3:18; 4:6). It-tieni, iżda, li tissupplixxi l-oġġett "Kristu" jew "Alla" jew bħalu hija proċedura pjuttost arbitrarja. Pawlu qiegħed jitkellem dwar li jara lil xi ħadd f'mera, kemm jekk mhux ċar jew wiċċ imb'wiċċ. U l-wiċċ li wieħed jara f'mera mhuwiex tal-Mulej, imma dak tiegħu stess (Ġakbu 1:22-25). Dan huwa kkonfermat bil-fatt li funzjoni primarja tar-rivelazzjoni kompluta u perfetta fl-Iskrittura hija biex turi lilna nfusha kif tassew aħna. Din hija mogħtija biex tesplora l-partijiet ta' ġewwa tal-qalb. Naqraw f'Lhud 4:12-13,

> *"Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixrar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, u l-ġogi u l-mudullun; u*

*tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb. Xzejn ma hemmfil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla, li lilu rridu nagħtu kont.*"

Huwa permezz tal-Kelma ta' Alla li aħna nafu lilna nfusna għal kollox kif aħna diġa magħrufa għal kollox lil Alla.

10. Fuq kollox jintqal li l-frażi 'imma mbagħad naraw wiċċ imb'wiċċ' għandha tfisser is-smewwiet. Imma, jekk l-Iskrittura hija mħollija biex tinterpreta lilha nfisha, din malajr tista' tidher li hija inferenza falza. Dan huwa prinċipju importanti ħafna, billi hemm ħafna frażijiet, bħal 'l-ewwel imwieled' kif applikat għal Ġesù Kristu, jew 'l-aħħar jiem' kif applikat għaż-żminijiet tal-Messija, li jistgħu ma' l-ewwel daqqa t'għajn jagħtu idea jew impressjoni żbaljata. Jintqal li kull min jixtieq li jagħti t-tifsira ta' l-Iskrittura mingħajr ma jeħodha mill-Iskrittura huwa l-għadu ta' l-Iskrittura (Q. Pascal, p. 104). Partikolarment importanti għal l-interpretazzjoni ta' din il-frażi fil-kapitlu tagħna huwa l-isfond tat-Testment il-Qadim. F'verżjonijiet antiki ħafna tal-Bibbja, bħal il-Verżjoni Awtorizata, u l-Verżjoni Riveduta tas-seklu dsatax, jagħtu bħala riferenza marġinali Numri 12:6-8. Dawn ir-riferenzi kienu mogħtija wisq qabel ma tfaċċa l-Pentekostaliżmu u għalhekk ma kinux impoġġija bħala reazzjoni għalih. Moffat fil-kummentarju tiegħu li kien ippubblikat fl-1938 jappoġġja d-direzzjonijiet tagħhom hekk kif jikteb, "L-uniku punt ta' l-illustrazzjoni ta' l-appostlu

huwa li jagħmel kuntrast bejn għarfien indirett u dirett. Hu qiegħed jaħseb dwar il-kuntrast magħruf sewwa fil-Bibbja Griega tiegħu bejn profeti ordinarji, li kienu jafu lill-Mulej sempliċiment permezz ta' viżjonijiet u ħolm (*ainigmata*), u Mosè li kien imwiegħed kommunikazzjoni jew relazzjoni diretta u viżjoni tal-Mulej 'wiċċ imb'wiċċ, mhux f'xi *ainigma*"' (Moffat, p. 201).

Moffat imbagħad jikkwota Numri 12:6-8, fejn naqraw hekk:

> "*Jekk ikun hemm profeta fostkom, jiena, il-Mulej, nuri lili nnifsi lilu f'xi dehra, u nkellmu fil-ħolm. Iżda mhux hekk mal-qaddej tiegħi Mosè; hu fdat bid-dar tiegħi kollha. Wiċċ imb'wiċċ inkellmu, u bid-dieher, u mhux bi kliem tqil; u lejn suriet il-Mulej iħares.*"

l-isfond hu li kien hemm dagħdigħa ta' profetizzar (Numri 11:24-27). Imma din kienet parzjali, li tgħaddi malajr u b'xi mod mhux ċara. Mosè, bħala l-kittieb ta' l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, f'dak iż-żmien irċieva rivelazzjoni li kienet aktar sħiħa u aktar ċara, kif hija kontra l-oħra li kienet 'biċċa'. Il-ħwejjeġ importanti li wieħed għandu jinnota huma li esperjenza ta' 'wiċċ imb'wiċċ' kienet wisq ħafna waħda ta' fuq din l-art u lio l-kuntrast kien bejn iż-żewġ tipi ta' rivelazzjoni, it-tnejn infallibbli imma waħda wisq aktar kompluta u ċara mill-oħra.

Żewġ inċidenti oħra fir-rakkont tal-karriera ta'

Mosè jappoġġjaw din l-interpretazzjoni. Jintqal lilna li meta Mosè daħal fit-'tinda', in-nies li kienu barra raw kolonna ta' sħab tinżel u mbagħad:

> "*il-Mulej kien ikellem lil Mosè wiċċ imb'wiċċ, bħalma wieħed ikellem lil ħabibu*" (Eżodu 33:9-11).

Sewwasew l-istess kapitlu jagħmilha ċara li Mosè attwalment ma kienx jista' jħaes fuq Alla (versi 18-23), u Numri 7:89 jappoġġja t-tifsira li t-tilqigħ ta' 'wiċċ imb'wiċċ' kien ifisser rivelazzjoni ċara:

> "*U meta Mosè kien jidħol fit-tinda tal-laqgħa biex jitkellem mal-Mulej, kien jisma' l-leħen li kien ikellmu, minn fuq il-għatu ta' fuq l-arka tax-xhieda, minn bejn iż-żewġ kerubin: u l-Mulej kien ikellmu*" (Numri 7:89).

Fl-għeluq tal-ħajja ta' Mosè il-frażi 'wiċċ imb'wiċċ' hija għaldarb'oħra wżata biex tiddeskrivi, mhux l-esperjenza ta' l-hena tas-smewwiet li fiha bla dubju hu daħal, imma pjuttost il-pożizzjoni tiegħu bħala l-profeta l-kbir li kellu rivelazzjonijiet ċari minn Alla (Dewteronomju 34:10). Tabilħaqq dan l-istess ktieb jiddeskrivi lill-Profeta l-Kbir li kellu jqum, il-Mulej Ġesù Kristu, bħala s-suċċessur tassew għal Mosègħaliex, jgħid Alla, "jiena nqiegħed kliemi f'fommu; u jgħidilhom dak kollu li nordnalu" (Dewteronomju 18:18). Kienet karatteristika tal-Mulej Ġesù Kristu li ħu qal kollox lid-dixxipli Tiegħu (Ġwanni 15:15; 14:2).

11. Il-vers li jikkonkludi ta' l-1 Korintin 13

jappoġġja sewwa din l-interpretazzjoni. Dan jgħid hekk:

> "*Imma issa baqa' dawn it-tlieta: il-fidi, it-tama u l-imħabba; iżda l-akbar fosthom hi l-imħabba.*"

L-ewwel, aħna ninnutaw li f'kuntrast għall-ħwejjeġ li jonqsu, (u l-unika ħwejjeġ fil-kapitlu li sejrin jonqsu huma d-doni straordinarji) tliet ħwejjeġ sejrin jibqgħu. Imma vers 13 għandu jifisser 'jibqgħu f'din il-ħajja', billi fis-smewwiet il-fidi ssir viżjoni u, kif jgħid Pawlu f'post ieħor, 'Tama li tidher mhix tama; għax dak li wieħed jarah, għalfejn jittama fih?' (Rumani 8:24; 2 Korintin 5:7). Għalhekk, l-implikazzjoni hija lid-doni sejrin jieqfu qabel it-tmiem, waqt li l-fidi, tama u mħabba jibqgħu.

Imma, it-tieni, dak li ftit jingħata importanza huwa li l-kobor tal-fidi, tama u mħabba f'dak li jemmen huwa t-tema tar-rivelazzjoni perfetta u li, jekk wieħed iħares matul l-Iskrittura kollha, dan jidher bħala l-messaġġ ċentrali u essenzjali. Kif Pawlu jgħid lill-Galatin:

> "*Għax aħna fl-Ispirtu, bil-fidi, nistennew it-tama tal-ħaqq. Għax fi Kristu Ġesù u la ċ-ċirkonċiżjoni ma tgħodd xejn, u lanqas in-nuqqas ta' ċirkonċiżjoni; imma l-fidi li taħabba*" (Galatin 5:5-6; Ara wkoll Rumani 5:2-5; Kolossin 1:4-6; 1 Tessalonikin 1:3; 5:8).

Kemm il-kittieb ta' Lhud u kemm Pietru jgħaqqdu t-

triju tas-sema fejn naqraw,

> "*Li bih intom temmnu f'Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet, u tah il-glorja; biex il-fidi u t-tama tagħkom ikunu f'Alla. Wara li naddaftu ruħkom, billi smajtu mis-sewwa, permezz ta' l-ispirtu, biex tħobbu 'l xulxin bħal aħwa bla qerq, qisu li tħobbu 'l xulxin b'qalb safja bil-ħeġġa kollha*" (1 Pietru 1:21-22; Lhud 6:10-12).

12. Tajjeb li nerġa' nfakkar li l-appostlu Pawlu jagħmel stqarrija tixbaħ lil din lill-knisja f'Efesu. Waqt li kien qiegħed jitkellem dwar id-doni mogħtija minn Ġesù meta Hu tela' fil-għoli, hu identifika xi wħud minnhom ma' l-appostli, profeti, evanġelisti u rgħajja-għalliema. Imbagħad Pawlu jgħid li dawn kellhom ikunu wżati…

> "*għat-trawwim tal-qaddisin, għax-xogħol tal-ministeru, għall-bini tal-ġisem ta' Kristu; Sa-kemm naslu lkoll fil-għaqda ta' l-Iben ta' Alla, għall-raġel matur, fil-qjies tal-kobor tal-milja ta' Kristu*" (Efesin 4:12-13).

Kelma sinjifikanti f'din is-silta hija "sakemm." Dawn id-doni li assistew lil dawk il-persuni fil-pożizzjoni tat-tmexxija fil-knisja tal-bidu għenuhom irawmu lill-qaddisin fix-xogħol tal-bini tal-ġisem ta' Kristu, il-knisja. L-appostlu Pawlu juri li doni bħal dawn ikunu biss "sakemm" l-għaqda tal-fidi kienet miksuba u l-knisja tkun laħqet il-maturità. Illum il-knisja ta' Kristu

hija mwaqqfa, ir-rivelazzjoni hija mogħtija għal kollox (Ġuda 3; Riv. 22:18-19). Meta, fil-għerf ta' Alla, il-kelma li kienet irrivelata permezz ta' Kristu u l-appostli kienet ikkonfermata adegwatament, il-mirakli nfushom waqfu. Fil-ħolqien tas-sema u l-art, Alla ma komplix joħloq wara li Hu kien lissen il-liġijiet Tiegħu fl-eżistenza u l-ħolqien kien imwettaq. Hu ħalla ż-żerriegħa biex iġġib 'il quddiem wara x-xorta tagħha. L-iskop Tiegħu kien imwettaq.

Fir-rivelazzjoni ta' l-Evanġelju lid-dinja, Alla ma kompliex jaħdem il-mirakli wara li l-Kelma Tiegħu kienet ikkonfermata. Hu ħalla l-Kelma biex tagħmel ix-xogħol tagħha. Hu ħalla l-Kelma biex tagħmel ix-xogħol ta' riġenerazzjoni tagħha. Iż-żerriegħa hi l-Kelma ta' Alla, jgħidilna Ġesù, u dik il-Kelma tipproduċi biss Kristjani tat-Testment il-Ġdid u ebda mirakli ma hemm bżonn illum biex jikkonfermawha (Luqa 8:11) L-Evan-ġelju kien stabbilit. L-iskop tiegħu kien imwettaq.

Id-doni spiritwali mirakolużi kienu temporanji. Dawn kell-hom żmien li fih kellhom jieqfu. X'xhieda hemm li tissuġġerix-xi li dan iż-żmien tat-tmiem għadu ma wasalx? Ebda Skrittura ma twiegħed it-tkomplija tad-doni mirakolużi. Ma hemm ebda xhieda li dawn għadhom isiru. Ma hemm ebda persuni jgħixu llum li jaqblu mal-mudell tat-Testment il-Ġdid ta' dawk li jwet-tqu l-mirakli. Ma hemm ebda raġuni għall-mirakli bħal dawn li jkomplu jeżistu. It-tnejn, il-fidi u r-raġuni jiddomandaw lit-talbiet kontemporanji mirakolużi jkunu irriġettati.

Milli rajna wieħed jasal għall-konklużjoni li twettiq

primarju ta' l-istqarrija ta' Pawlu fl-1 Korintin 13:8-10 sar meta l-Knisja kisbet il-maturità; imbagħad "l-ilsna" "waqfu" għal kollox, u "profetizzar" u "għerf" sakemm dawn kienu doni sopranaturali ta' l-Ispirtu, kienu meqjusa bħala li ma kinux aktar meħtieġa meta l-ordinarju ippriedka l-Kelma, u l-Iskrittura tat-Testment il-Ġdid miġbura flimkien, kienet saret istituzzjonijiet stabbiliti. Id-doni mirakolużi kienu mfassla prinċipalment għal l-awtentiċità tal-Kristjaneżmu u biex jikkonfermawh f'pajjiżi pagani. L-iskop tagħhom, mela, kien biss wieħed temporanju, u hekk kif il-kanoni ta' l-Iskrittura kienu magħluqa dawn kienu mneħħija. Kif juri ċar 1 Korintin 13, li,

> "*kemm jekk ikun hemm profeziji (messaġġi ispirati minn Alla) jgħibu (ma jkunux mogħt-ija aktar); kemm jekk ikun hemm ilsna, jistku; kemm jekk ikun hemm għerf (sopranaturali), dan jgħib*" (1 Korintin 13:8).

***Ebda Distintività***

Talbiet kontemporanji mirakolużi mhumiex distinti mit-talbiet tar-reliġjonijiet antiki pagani jew reliġjonijiet mhux Kristjani tal-lum. Kif wieħed jista' jistqarr li l-miraklu li hu kien ra huwa mill- Alla tal-Bibbja meta l-istess xorta ta' fenomenu jiġri fir-reliġjon Ħindu u Spiritwalista? X'inhu distint fit-talbiet tiegħu?

Kif inhu, li wkoll ġewwa r-reliġjonijiet li jistqarru li jimxu wara Kristu, għaliex hemm tant diversità ta' dottrina fost dawk li jistqarru l-mirakli? Il-Moviment Kariżmatiku jinsab f'kull knisja Kattolika Rumana u

Protestanta li jiena naf dwarha. Il-Kariż-matiċi ta' kull wieħed minn dawn il-gruppi jistqarru l-mirakli, imma d-dottrina li huma jemmnu u r-ritwali li huma jipprattikaw radikament huma differenti wieħed mill-ieħor.

Grupp wieħed unitarju waqt li l-ieħor trinitarju. Grupp wieħed jitlob permezz tal-qaddisin (nies li kienu magħmula qaddisin wara li mietu) waqt li l-ieħor jirrifjuta prattika bħal din. Grupp wieħed jgħammed lit-trabi bi ftit qtar fuq rashom waqt li l-grupp l-ieħor jgħaddas lil l-adulti biss. Grupp wieħed jirriġetta l-ispir-azzjoni verbali ta' l-Iskrittura u grupp ieħor iżomm ħaġa bħal din li hija ta' importanza fundamentali. Kif dan jista' jkun?

Jekk il-mirakli li huma jistqarru li jagħmlu huma tassew minn Alla, mill-Ispirtu s-Santu, allura għaliex Alla ma rrivelax it-tagħ-lim it-tajjeb u l-prattika reliġjuża t-tajba għalihom? Il-mirakli fit-Testment il-Ġdid kienu biex juru l-approvazzjoni ta' Alla għal dawk li kienu jgħidu l-messaġġ ta' l-Evanġelju u l-verità tal-messaġġ li huma wasslu. Kif jistgħu l-mirakli kontemporanji jkunu minn Alla jekk dawk li jistqarru li jagħmluhom għandhom dottrini u prattika li jikkontradixxu lil xulxin u dak li tgħid il-Kelma ta' Alla?

Jekk wieħed jissuġġerixxi li l-mirakli biss li għandhom x'jaqsmu mal-fidi tiegħu huma reali u l-bqija huma foloz, hu jid-ħol fi problema prattika. Dawk li hu jistqarr li huma reali huma l-istess kwalità ta' fenomenu u huma appoġjati mill-istess xorta ta' xhieda suġġettiva li mhux ta' min wieħed joqgħod fuqha bħal

dawk li hu jistqarr li huma foloz. Għal wieħed li jkun reali u l-ieħor falz, mela dawn għandhom ikollhom xi ħaġa distintament differenti fin-natura tagħhom. Ħaġa bħal din ma tistax tinstab!

Meta dawk li jistqarru l-mirakli kontemporanji jkunu jistgħu juru li l-mirakli tagħhom huma distinti mill-oħrajn f'reliġjonijiet barranin u żbaljati, imbagħad huma jkun jista' ħaqqhom investi-gazzjoni serja. Ħaġa bħal din ma saritx u ma tistax issir! Dawn huma l-istess kwalità ta' affarijiet ibbażati fuq l-istess xorta ta' xhieda biex jinfluwenzaw l-istess xorta ta' nies.

Xi mistoqsijiet kruċjali huma dawn: Kif aħna sejrin nagħrfu mirakli tassew jew foloz? Kif aħna nistgħu nkunu nafu "l-mirak-li" ta' ċerti gruppi huma tassew minn Alla, imma dawk ta' gruppi oħra mhumiex? B'liema regola ta' Skrittura "wieħed li jfejjaq bil-fidi" (faith healer) jistabbilixxi lix-xogħol tiegħu huwa awtorizzat minn Alla, imma dak ta' l-ieħor minn grupp ieħor li ma jaqbilx miegħu u li tiegħu hu mhuwiex membru mhuwiex minn Alla? Jew li "l-fejqan" tiegħu huwa b'xi mod aktar ġenwin minn dak tat-tabib saħħar Afrikan? Ma ninsewx it-twissija ta' l-Ispirtu s-Santu dwar mirakli, sinjali u għeġubijiet. Permezz ta' l-appostlu Pawlu, l-Ispirtu s-Santu, wara li jgħidilna biex "*ma nħallux 'il min iqarraq bina **b'ebda mod**,*" jgħidilna hekk:

> "*Il-ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u **jagħmel kull xorta ta' mirakli, u sinjali u għeġubijiet foloz**, u jinqeda **b'kull xorta ta' qerq** u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għal qerda*

> *għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma laqgħux il-verità biex isalvaw ruħhom*" (2 Tessalonikin 2:3, 9, 10; enfasi tiegħi)

Minn din it-twissija wieħed għandu jkunċert li kull miraklu, sinjal, jew għeġubijiet li jintqal li huma reliġjużi huma kollha foloz! "*B'ebda mod*" u "*b'kull xorta ta' mirakli, u sinjali u għeġubijiet u qerq.*" Dan għandu jkun biżżejjed biex jissetilja l-kustjoni dwar il-mirkali, is-sinjali u l-għeġubijiet li ħafna jgħidu li jsiru llum! Dawk huma *kollha* ġejjin mix-xitan! X'kien l-iskop li l-Ispirtu s-Santu ispira lil Pawlu biex jikteb din it-twissija jekk mhux minħabba t-tagħlim falz modern li jgħid li llum għad hawn nies li għandhom is-setgħa jagħmlu l-mirakli?

Testimonjanzi ta' fejqan mirakoluż huma mogħtija minn membri ta' ħafna gruppi reliġjużi kemm Kattoliċi Rumani kif ukoll Protestanti. Jiena nixtieq nagħmel ftit mistoqsijiet għal dawk li jsostnu li jagħmlu dawk il-mirakli u li nippretendi tweġi-biet sinċiera għalihom:

1. Jemmnu dawk li jaċċettaw testimonjanzi bħala prova ta' mirakli li Alla qiegħed jaħdem permezz ta' sistemi differenti reliġjużi?
2. Qiegħed Alla jikkonferma bil-mirakli t-tagħlim li jikkontra-dixxi ta' diversi gruppi reliġjużi?
3. Huwa Alla l-awtur ta' din il-konfużjoni settarja?
4. Jekk il-Kattoliċi Rumani jemmnu lit-testimonjanzi tal-mirak-li mogħtija minn dawk li mhumiex Kattoliċi huma foloz, xi ngħidu dwar il-possibbiltà lit-testimonjanzi tagħhom stess jistgħu jkunu foloz ukoll?

5. U jekk membri ta' gruppi reliġjużi li mhumiex Kattoliċi Rumani jistqarru lit-testimonjanzi Kattoliċi Rumani huma foloz, xi ngħidu dwar il-possibbiltà lit-testimonjanzi tagħ-hom stess jistgħu jkunu foloz ukoll?

Xi punti pertinenti rigward il-fejaqn li kien iwettaq Kristu għa-ndhom iservu bħala testijiet xierqa għall-fejqan ipprofessat illum.

1. Ġesù ma xandarx il-fejqan Tiegħu biex joħloq reputazzjoni sensazzjonali; pjuttost Hu f'waqtiet ordna lil dawk imfejqa biex "ma jgħidu lil ħadd" (Mattew 8:1-4; 9:27-31).
2. Ġesù fejjaq **kull xorta** ta' mard, b'attenzjoni speċjali mogħ-tija lil sitwazzjonijiet bla ebda tama, għaliex qawwa divina ma tistax tfalli.
3. Ġesù ma wettaq ebda fejqan parzjali. Nies kienu "imfejqa" minn Kristu (Mattew15:19-31; Mark 7:31-37).
4. Ġesù **qatt** ma naqas jew falla milli jfejjaq persuna li Hu pprova li jfejjaq. Hu **qatt** ma kellu jagħti xi spejgazzjonijiet imbarazzanti talli falla jew għall-fallimenti ta' fejqan!
5. Ebda mistoqsija **qatt** ma kienet magħmula dwar il-ġenwinità tal-fejqan Tiegħu—dwar jekk il-pazjent kienx tassew marid, jew kienx attwalment imfejjaq.
6. Ġesù ma fejjaqx bil-fidi imma bil-qawwa divina. F'każ wieħ-ed biss minn 31 eżempju Ġesù kien jeħtieġ il-fidi (Mattew 9:27-21). F'xi sitwazzjonijiet il-pazjent ma kellu **ebda** fidi ta' xejn (ara Luqa 7:11-17; Ġwanni 5:2-13).

Jekk it-talbiet għall-mirakli moderni ma jistgħux jikkonfor-maw għal dawn il-kondizzjonijiet li taħthom Kristu amministra, dawn ma jirrappreżentawx l-istess qawwa li Ġesù utilizza.

## KONKLUŻJONI

Biex jifhem il-mirakli tat-Testment il-Ġdid, wieħed għandu jiddefinixxi x'kienu u kif dawn kienu uniċi.

Il-kliem tradott għall-ġrajjiet mirakolużi fit-Testment il-Ġdid jirrivelaw ħafna dwar in-natura tal-mirakli. Tiffoka fuq is-sors tagħhom, dawn kienu qawwa—qawwa minn Alla. Tiffoka fuq ir-reazzjoni ta' dawk li rawhom, dawn kienu għeġubijiet—jikkaw-żaw biża' u qima fil-qlub tagħhom. Tiffoka fuq il-ġrajja nfisha, dawn kienu opri—xi ħaġa kienet qed tiġri fl-istorja. Tiffoka fuq l-iskop tagħhom, dawn kienu sinjali—jikkonfermaw li l-persuna u l-messaġġ kienu minn Alla.

Il-mirakli tat-Testment il-Ġdid kienu uniċi għaliex, mhux bħall-mirakli mwettqa llum, dawn kienu 'l fuq minn natura u mhux iggvernati mil-liġijiet konsistentament osservati li Alla lis-sen fl-eżistenza fil-ħolqien.

Biex jifhem it-talbiet kontemporanji tal-mirakoluż, wieħed għandu jifhem x'inhuma dawn u għaliex dawn m'għandhomx ikunu emmnuti.

L-ewwel, talbiet kontemporanji ta' mirakli huma foloz għaliex dawn ma joqgħodux fil-mudell tal-mirakli tat-Testment il-Ġdid. Dawn jikkonsistu minn qerq, frodi, ġrajjiet paranormali, kura psikomatika u fenomena psikoloġika. Dawn kollha jistgħu jkunu

mifhuma fil-qasam ta' l-esperjenzi umani u jsegwu l-liġijiet li huma osservati fin-natura. Dawn huma komuni fir-reliġjonijiet kollha tad-dinja—antiki u moderni, Kristjani u pagani—u xi kultant jinsabu kompletament barra mill-kuntest reliġjuż.

It-tieni, talbiet kontemporanji tal-mirakli għandhom ikunu irri-ġettati mhux biss għaliex dawn huma foloz imma wkoll min-ħabba l-konsegwenzi teoloġiċi li taċċettahom. Li taċċetta talbiet bħal dawn huwa li tiċħad is-suffiċjenza tal-Bibbja Mqaddsa, hu-wa li tagħmel kompromess ta' l-uniċità tal-Kristjaneżmu fost ir-reliġjonijiet tad-dinja u huwa li tiddubita n-natura nfisha ta' Alla.

Il-mirakli tat-Testment il-Ġdid kienu minn Alla, imma t-talbiet kontemporanji tal-mirakli tal-lum huma mill-bniedem!

L-ispirazzjoni tgħidilna:

> "*Tħallu li ħadd iqarrraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com